MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2006

Appell Civili Numru. 623/1993/1

**Saviour Farrugia in rappresentanza tal-Korporazzjoni Telemalta, debitament awtorizzat, u b'digriet tad-9 ta' April 1999 gie ordnat li l-kawza titkompla f'isem Maltacom plc**

**v.**

**Yves Cali` u Anna Maria Wismayer bhala Diretturi in rappresentanza ta' AIM Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni pprezentata fis-17 ta’ Mejju 1993, quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc l-attur nomine ppremetta illi permezz ta’ ittra ddatata 23 ta’ Dicembru 1989, l-attur nomine accetta l-offerta Nru. TM/T/65/88 tal-konvenuti noe ghall-bejgh ta’ riklami f’direttorju tat-telefon u telex u b’hekk gie fis-sehh kuntratt bejn il-kontendenti; premess ukoll illi l-prezz totali li kellu jithallas lill-attur noe mill-konvenuti noe bhala rizultat ta’ l-offerta taghhom, accettat u moghti forza ta’ kuntratt kif spjegat hawn fuq, kien ta’ mija tmienja u tmenin elf u hames mitt lira Maltija (Lm188,500); illi in forza tal-Garanzija Bankarja ikkreata in segwitu ghall-ghoti tal-kuntratt, liema Garanzija Bankarja giet ezercitata mill-attur nomine fl-10 ta’ Marzu, 1993, l-istess attur noe gabar is-somma ta’ tmintax-il elf tmien mija u hamsin lira Maltija mis-somma dovuta u ghalhekk baqa’ jiehu l-ammont ta’ mija u disgha u sittin elf u sitt mija u hamsin lira Maltija (Lm169,650) minghand il-konvenuti noe; illi l-konvenuti noe gew interpellati sabiex ihallsu l-ammont dovut permezz ta’ “invoices” mahruga pero` baqghu inadempjenti; dan premess l-attur nomine talab li dik il-Qorti:-

1. tiddikjara li s-somma ta’ mija u disgha u sittin elf sitt mija u hamsin lira Maltija (Lm169,650) jew somma verjuri li tirrizulta mill-provi jekk ikun il-kaz, hija dovuta minghand il-konvenuti noe lill-attur noe; u

2. tikkundanna lill-konvenuti noe sa biex ihallsu s-somma hekk iddikjarata lill-attur noe.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta’ sekwestru nru. 976/93 u tal-mandat ta’ qbid nru. 975/93 mahrugin fl-10 ta’ Marzu 1993, u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenuti noe imharrkin ghas-subizzjoni.

B’nota pprezentata fis-17 ta’ Gunju, 1993 l-konvenuti noe eccepew:-

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li [l-] kuntratt imsemmi mill-attur u cioe` TM/T/65/88 qatt ma giex (sic) attwalment implimentat billi d-direttorju li gie effettivament ippublikat mhuwiex dak li

hemm indikat u stipulat fil-fuq imsemmi kuntratt/tender u lanqas dak li gie effettivament accettat mill-attur stess skond ittra ta' accettazzjoni tat-23 ta' Dicembru, 1989. Oltre l-attur arbitrarjament u unilateralment eskluda u nehha t-telex li kienet tifforma parti integrali tal-kuntratt, b'hekk l-ammont pretiz mill-attur mhuiex dovut.

Il-konvenuti pprezentaw kontro-talba fejn ippremettew:-

Illi l-attur kien hareg tender (TM/T/65/88) ghal "SALE OF ADVERTISING SPACE IN THREE YEARLY TELEPHONE DIRECTORY SUPPLIMENTS AND NEW TELEPHONE & TELEX DIRECTORY" liema "tender" kienet taghlaq fit-22 ta' Gunju, 1988; illi fit-"tender document" kien hemm spjegat dettaljatament il-kondizzjonijiet u specifikazzjonijiet ta' l-ispazju ghar-riklami kif ukoll il-kwantita` ta' pagni u dettalji ohra relattivi; illi l-konvenuti kienu ssottomettew l-offerta taghhom ghal fuq imsemmi "tender" u abbazi ghall-ispecifikazzjonijiet u dettalji indikati fit-"tender dokument"; illi permezz ta' ittra datata 23 ta' Dicembru 1989, il-konvenuti gew infurmati illi l-Korporazzjoni Telemalta kienet accettat l-offerta taghhom kif dettaljat fl-istess ittra; illi l-attur ma zammx mal-ftehim ossia ittra ta' accettazzjoni tat-23 ta' Dicembru, 1989 billi l-istess ftehim ma giex implimentat stante li d-direttorju li gie effettivament pubblikat mhuiex dak li hemm indikat u stipulat skond l-imsemmi ftehim, b'rizultat li l-konvenuti sofrew danni ingenti kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi oltra dak fuq imsemmi, l-attur arbitrarjament u unilateralment eskluda u nehha it-telex li kienet tifforma parti integrali tal-ftehim ossia kuntratt b'rizultat li l-konvenuti sofrew danni ingenti u dana kif jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; dan premess il-konvenuti talbu li dik il-Qorti:-

1. tiddikjara li l-attur naqas li jimplimenta u jaderixxi ruhu mal-ftehim ossia kuntratt fuq imsemmi in konnessjoni mat-"tender" li jgib ir-riferenza TM/T/65/88;

2. tiddikjara lill-attur responsabbli ghad-danni kollha li sofrew il-konvenuti minhabba l-agir u cioe` n-nuqqas da parti tal-attur li jimplimenta u jaderixxi ruhu mal-fuq imsemmi ftehim;

3. tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuti dik is-somma li tigi hekk likwidata u dana okkorrendo nomina ta' periti nominadi.

Bl-ispejjez kontra l-attur li jibqa minn issa imharrek ghas-subizzjoni.

Ghal dan l-attur eccepixxa illi t-talbiet rikonvenzjonali huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michudin bl-ispejjez stante illi kienu l-konvenuti noe li ma aderewx ghat-termini tal-ftehim illi kellhom ma l-attur.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza tad-9 ta' Ottubru 2003, meta cahdet it-talbiet rikonvenzjonali tas-socjeta` konvenuta u cahdet ukoll l-eccezzjonijiet taghha u b'hekk laqghet in parte t-talbiet attrici u kkundannat lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija disgha u erbghin elf sitt mija u hamsin Liri Maltin (Lm149,650), bl-imghax legali, stante n-natura kummercjali ta' l-obbligazzjoni, mill-10 ta' Marzu, 1993, sal-pagament effettiv. Il-Qorti wkoll ordnat li l-ispejjez tal-kawza jithallsu kwantu ghall-erba' partijiet minn hamsa mis-socjeta` konvenuta, u kwantu ghall-parti wahda minn hamsa mis-socjeta` attrici u dana wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:
"Illi c-cirkostanzi li waslu ghal din il-kawza kienu s-segwenti:

"l-Korporazzjoni attrici harget sejha ghat-*tenders* ghal bejgh ta' reklami f'direttorji tat-telefon u *telex.* L-offerta tas-socjeta` konvenuta giet accettata, u kellha thallas lis-socjeta` attrici s-somma komplessiva ta' LM188,500. Wara li s-socjeta` konvenuta, fil-fatt, ghamlet negozju bil-kuntratt li kienet hadet minghand il-Korporazzjoni attrici, intalbet thallas dik is-somma patwita; u s-socjeta` konvenuta naqset li taghmel dan u dik attrici irtirat is-somma ta' LM18,850 li kienet marbuta b'garanzija bankarja, u ghamlet din il-kawza ghall-bilanc.

"Is-socjeta` konvenuta taccetta li kien hemm kuntratt bejn il-partijiet, izda tghid li l-Korporazzjoni attrici naqset li tagixxi skond it-terminu tal-kuntratt, bir-rizultat li hi ma setghetx tbiegh *adverts* jew parti minnhom. Hi qed tallega li, minhabba f'hekk sofriet danni, u resqet kontro-talba fejn qed titlob li dawk id-danni jigu likwidati u mhallsa lilha.

"Jirrizulta mill-provi li t-*tender* TM/T/65/88 kienet tirreferi ghal-"Sale of advertising space in three yearly telephone directory supplements and new telephone and telex directory", izda, wara l-hrug tat-*tender*, it-"*three yearly telephone directory suppliments"* ma ssemmewx aktar, la meta l-offerta tas-socjeta` konvenuta giet accettata u lanqas f'korrispondenza sussegwenti.

"Fil-fatt, fl-ittra tat-23 ta' Dicembru, 1989, mahruga mill-Korporazzjoni attrici u li titkellem fuq "*Acceptance of Tender TM/T/65/88*", ir-riferenza hi biss ghal "*Sale of advertising space in the new Telephone and Telex directory*". Kif inhu risaput, l-offerta ghall-hrug ta' *tenders* ma fiha ebda rabta guridica, u l-kuntratt jigi konkjuz meta l-offerta li ssir mill-kuntrattur tkun accettata minn min ikun hareg it-*tender*, u t-terminu tal-kuntratt jiddipendu mill-eventwali ftehim li jsir bejn il-kuntrattur u dak li jkun hareg is-sejha.

"L-awturi Chorley and Giles, fil-ktieb "Slater's Mercantile Law" (16th Ed. p.7) jghidu hekk fuq l-effetti tal-hrug tat-*tender.*

""*An offer must be carefully distinguished from an invitation to treat. The best illustration of this distinction is the case of a person asking for tenders to do certain work or to purchase certain goods. The invitation to tender has of itself no operation at all. The tender is an offer, and this must be accepted before there is any binding contract."*

"F'dan il-kaz, l-accettazzjoni tal-offerta ma kienetx tinkludi d-*directory supplements*, u d-ditta konvenuta kienet ben konxja minn dan. Fil-fatt, meta s-socjeta` konvenuta kitbet l-ittra datata 7 ta' Awissu, 1989, hi uzat il-kliem, "*sale of advertising space in new telephone and telex directory*", u

din l-ittra nkitbet b'risposta ghall-ittra tal-Korporazzjoni attrici li wkoll uzat l-istess titolu u specifikatament tirreferi ghad-direttorju l-gdid tat-telefon u t-telex minghajr riferenza gahs-supplimenti.

"Referenza tista' ssir ghall-ittri ohra mibghuta mis-socjeta` konvenuta, partikolarment dawk tad-9 ta' Marzu, 1990, tat-12 ta' Jannar, 2000, u tad-9 ta' Marzu 2000, li jirriferu, f'kull kaz, ghal "*Sale of Advertising Space in the new Telephone and Telex directory"*, minghajr ma jsemmu s-supplimenti. F'laqgha li saret bejn il-partijiet fit-23 ta' Marzu, 2000, liema laqgha ssejhet fuq talba tas-socjeta` konvenuta, gew sollevati diversi ilmenti mis-socjeta` konvenuta, izda ma gietx sollevata l-kwistjoni tas-supplimenti. Dan kollu juri li kemm qabel l-iffirmar tal-kuntratt, kif ukoll wara, is-socjeta` konvenuta kienet taf li l-ftehim milhuq ma kienx jirreferi ghat-"*three yearly telephone directory suppliments*", u li dawk is-supplimenti ma kienux jifformaw parti mill-ftehim li kien gie konkluz bejn il-partijiet.

"Inoltre, meta l-Korporazzjoni talbet l-ghoti ta' garanzija bankarja, u din, eventwalment, giet moghtija mis-socjeta` konvenuta fid-9 ta' April, 1990, kien gia gie ppubblikat l-ewwel edizzjoni tas-suppliment fl-1989, u t-tieni edizzjoni kien ukoll hareg f'Marzu tal-1990. Nonostante dan, u s-socjeta` konvenuta kienet, allura, ben konxja tal-fatt li s-supplimenti kienu hargu minghajr l-involviment taghha, hija accettat li taghti l-garanzija bankarja, biex tiggarantixxi parti mill-obbligazzjonijiet taghha taht il-kuntratt, minghajr ma nislet ilment dwar dan in-nuqqas.

"L-agir tas-socjeta` konvenuta, tul iz-zmien tal-applikazzjoni tal-kuntratt, ma hux konsistenti ma l-azzjoni li qed tiehu issa f'din il-kawza, ghax il-komportament tas-socjea` konvenuta kien wiehed kontinwu ta' adizzjoni ghat-terminu tal-kuntratt kif accettat mill-Korporazzjoni attrici (ara <u>Soler vs Vassallo</u>, deciza minn din il-Qorti fl-20 ta' Gunju, 2002)

"Mill-premess, jirrizulta li, nonostante dak li gie indikat fid-dokument tas-sejha tat-*tender*, il-kuntratt miftiehem kien

jeskludi d-*directory suppliments*, u s-socjeta` konvenuta kienet ben konxja minn dan il-fatt u implicitament accettatu.

“Oltre dan, is-socjeta` konvenuta resqet diversi ilmenti ohra. Skond il-ftehim, is-socjeta` konvenuta setghet tbiegh spazju ta’ reklam fid-direttorju tat-*Telex*; fil-fatt, pero` irrizulta li dan ma setghetx taghmlu. Skond il-ftehim, id-direttorju kellu jigi ppubblikat b’zewg kolonni (“*minimum of 1300 x 5cm on 2 columns*”), izda fil-fatt ma kienx. Skond il-ftehim ukoll, kellu jkun hemm 1300 pagna, izda d-direttorju kellu anqas pagni.

“Il-Baudry – Lacantinerie, fil-volum “Delle Obbligazioni” (Vol.1 pag. 393) jghid:

*““Le convenzione legalment formate tengono luogo di legge per coloro che le hanno fatte. Cio` significa che le convenzione hanno, in massima, relattivamente alle parti, la forza stessa della legge. In altri termini, le parti sono vincolate col loro consenso cosi` rigorosamente come sarebbero per la volonta` stessa del legislatore … I tribunali, dunque, non possono, invocando una ragione di equita`, rifiutarsi di far eseguire una convenzione.”*

“Il-principju hu li l-obbligazzjonijiet li jemergu mill-kuntratt iridu jigu osservati u esegwiti, u ma jistax jigi koncess liberta` li wiehed jinjora dak li jkun gie miftiehem bejn il-kontraenti fuq il-bazi li s-sens ta’ ekwita` hekk ikun jindika (ara Fogg Ltd vs Marmara deciza mill-Onorabbli Qort ta’ l-Appell (Sede Inferjuri), fit-3 ta’ Dicembru, 1999). Fuq kollox, kuntratt huwa espressjoni tal-volonta` tal-partijiet, u hu l-obbligu tat-tribunali li jaghtu effett lil dik ir-rieda tal-partijiet kif manifestata fil-kuntratt.

“Min-naha l-ohra, ghandu jigi osservat li fl-artikolu 4 a pagna 2 tal-“Specifications and Special Conditions – Tender for Advertising”, jinghad li:

““*The Government (li, f’dan il-kuntes, ifisser is-socjeta` attrici), shall have the power to require reasonable alterations in the work or any of its details; and if such*

*alterations do not involve any extra expense, no payment shall be made in respect of them.*"

"Fil-fatt, il-bdil li fuqhom ilmentat is-socjeta` konvenuta, huma, in *gran parte*, dettalji li l-Koporazzjoni attrici rriservat id-dritt li tista` tvarja mal-esekuzzjoni tal-kuntratt. Mhux "dettal", minn naha l-ohra, in-nuqqas tal-istess Korporazzjoni attrici lki tippermetti lis-socjeta` konvenuta tbiegh *advertising space fit-Telex directory.* Dan in-nuqqas kien, zgur, jaffettwa l-qliegh tas-socjeta` konvenuta kif progettat mal-kuntratt.

"Irrizulta, pero`, li s-socjeta` konvenuta, avvolja kienet konxja minn dan in-nuqqas, baqghet topera l-kuntratt u baqghet tissufruwixxi (sic) ruhha mill-kuntratt moghti lilha; fil-fatt, jirrizulta li hi bieghet reklami fl-ammont ta' LM93,610.25. Tul iz-zmien tal-kuntratt, is-socjeta` konvenuta setghet tizufruwixxi ruhha minn dan in-nuqqas tal-parti l-ohra, billi jew titlob il-hall tal-kuntratt jew ggieghel lill-parti l-ohra li tesegwixxi l-obbligazzjonijiet taghha (ara St. Andrew's Farm and Building Co. Ltd vs Sultana deciza minn din il-Qorti fis-26 ta' April, 2002); f'dan il-kaz pero`, is-socjeta` konvenuta ghazlet li matiehux passi u lanqas qatt ma ilmentat direttament mas-socjeta` attrici. Baqghet topera l-kuntratt u stenniet sakemm is-socjeta` attrici ressqet din il-kawza biex, l-ewwel darba, tilmenta formalment minn dawn in-nuqqasijiet.

"Fil-kawza "Mallia vs Satariano", deciza minn din il-Qorti fit-8 ta' Mejju, 2000, gie abbraccjat u accettat is-segwenti principju, u cioe`:

""*If during the performance of an agreement, one party behaves contrary to what the other supposes to have been the terms of the agreement, but does not react and continues to accept such behaviour, it is more likely that the terms of the agreement are to be deduced in accordance with the behaviour of the first party than in accordance with what the other "supposed" them to be."*

"Principju simili kien gie enuncjat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Deares noe vs O'Dea et noe", deciza fil-

25 ta’ Gunju, 1996, fejn intqal li ghand jitqies li jkun hemm ratifikazzjoni tacita meta ssir xi haga kontra l-interess ta’ dak li jkun u ma ssir ebda opposizzjoni (saret referenza wkoll ghall-kawza “Borg Grech vs Attard Montalto”, deciza wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-29 ta’ Ottubru, 1956).

“Kif inghad, is-socjeta` konvenuta ma ressqet ebda opposizzjoni ghan-nuqasijiet tas-socjeta` attrici, u kompliet tagixxi b’mod li turi li kienet accettat il-kundizzjonijiet il-godda li kienu, fil-verita`, waslu ghal xi varjazzjonijiet mill-ftehim originali.

“Kif jghid il-gurista Vivante, “Trattato di Diritto Commerciale” (pag. 36 u 37), “*Il proponente che spedisce le merci offerte all’accettante nonostante il ritardo dimostra di ritenere efficace l’accettazione nel modo piu` certo ed espressivo.”* Applikat dan il-principju ghal dan il-kaz, isegwi li la darba s-socjeta` konvenuta baqghet tuzufruwixxi ruhha mill-kuntratt, nonostante n-nuqqasijiet tal-parti l-ohra, ifisser li hi ghandha tqis effikaci l-kuntratt bil-varjazzjonijiet li sehhew tul it-terminu tieghu.

“Ghalhekk, it-talba tas-socjeta` konvenuta ghad-danni ma tistax tigi milqugha, u dan peress li, bl-agir taghha stess, hi implicitament “accettat” il-kuntratt kif modifka u accettat tkompli topera tahtu bil-kondizzjonijiet il-godda li gew imposti mill-parti l-ohra.

“Dan ma jfissirx li s-somma dovuta ai termini tal-kuntratt originali ghandha tithallas kollha; hekk kif it-termini tal-kuntratt gew modifkati, l-hlas dovut mis-socjeta` konvenuta ghandu jirrifletti l-modifikazzjonijiet li sehhew. Fil-kuntratt originali kien kontemplat bejgh ta’ *advertising space* fid-direttorju tat-telefon u tat-*telex*, izda, maz-zmien, il-kuntratt gie “modifikat” fis-sens li s-socjeta` konvenuta ma thallietx tbiegh *advertising space* ghat-*Telex Directory*. Dan ghandu jigi rifless fis-somma dovuta mis-socjeta` konvenuta. Il-perit legali, fir-rapport erudit tieghu, esprima l-opinjoni li ghandha titnaqqas is-somma ta’ LM20,000,liema somma huwa kkalkulaha “*arbitrio boni viri*” u bhala li ghandha tirraprezenta l-ammont li ghandu

jigi mnaqqas mill-ammont miftiehem, u dana billi fil-ftehim il-partijiet kienu ftehmu li s-socjeta` konvenuta tbiegh spazju wkoll fit-*telex directory* u fil-fatt ma kellhiex din il-fakolta`. Din il-Qorti taqbel mal-mod kif il-perit legali ezercita id-diskrezzjoni tieghu f'din il-kwistjoni, u se taddotta l-posizzjoni minnu mehuda u tnaqqas is-somma ta' LM20,000 mit-total pretiz mis-socjeta` attrici."

**L-appell tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u b'rikors intavolat fis-27 ta' Ottubru 2003, talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka l-imsemmija sentenza, tilqa' l-eccezzjonijiet taghha u konsegwentment tichad it-talbiet attrici, inoltre filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-attur ghat-talbiet rikonvenzjonali, tilqa' t-talbiet rikonvenzjonali u tikkundanna lill-attur ihallasha s-somma ta' Lm26,818.20 (oltre l-imghaxijiet akkumulati minn meta nhadmet l-istess prospett sad-data ta' l-effettiv pagament) kif prospettat minnha u esebit ma' l-affidavit ta' Yves Cali`; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attur.

Il-Korporazzjoni attrici intavolat risposta ghall-appell fuq imsemmi fejn irrilevat li s-sentenza appellata hija bbazata fuq apprezzament tal-fatti maghmul mill-ewwel Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni r-rapport tal-Perit Gudizzjarju u illi ghalhekk hija gusta u timmerita konferma, u l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez.

**L-aggravji tas-socjeta` appellanti.**

Is-socjeta` appellanti resqet erba' aggravji kontra s-sentenza appellata li, fir-rikors ta' l-appell gew sintetizzati bil-mod segwenti (fol. 222):-

a) sar ksur tal-ftehim mill-attur arbitrarjament u unilaterlament liema tibdiliet ma setghux jitqiesu bhala ragionevoli;

b) l-attur naqas li jottempera ruhu mal-kondizzjonijiet tal-kuntratt;

c) rizultat li l-esponent ma setax jieqaf mill-kuntratt u bla pregudizzju ghal dan il-fatt li kompla jimplimenta bl-ahjar mod it-termini tal-kuntratt huwa ma irrinunzjax ghal azzjoni ta' danni kontra l-istess attur;

d) il-fatt li l-ewwel Onorabbli Qorti accettat it-tnaqqis fl-ammont pretiz huwa car li effettivament accettat it-tezi ta' l-esponenti.

**Ikkunsidrat:**

Minn ezami akkurat ta' l-atti processwali kif ukoll tar-rikors ta' appell tas-socjeta` konvenuta jidher li din is-socjeta` ghandha principalment zewg ilmenti kontra s-sentenza appellata. Fl-ewwel lok hemm dak li jikkoncerna t-talba attrici fis-sens li din ma ghandhiex tigi akkolta billi jirrizulta inadempjenza kuntrattwali da parti ta' l-istess socjeta` attrici, u dan meta l-appellanti ma nghatawx il-fakolta` li jirreklamaw fis-*roppliments* u fit-*telex directory*, u saru xi kambjamenti kemm fl-ammont tal-pagni offruti ghar-reklamar kif ukoll fid-daqs tar-riklami nfishom. Fit-tieni lok jidher li s-socjeta` appellanti qed tilmenta mic-cahda fis-sentenza appellata tal-kontro-talba taghha u dan billi qed tirritjeni li hija intitolata ghad-danni minhabba l-inadempjenza kuntrattwali tas-socjeta` attrici minkejja li hija stess kompliet bil-kuntratt minghajr opposizzjoni. *In extremis* is-socjeta` appellanti issostni li, anke jekk, ghal grazzja tal-argument, din il-Qorti kellha tiskarta l-ilmenti principali taghha, xorta wahda l-ammont reklamat mis-socjeta` attrici mhux dovut billi fl-ewwel lok ma saret ebda prova ta' l-ammont dovut u fit-tieni lok, bin-nuqqasijiet li rrizultaw waqt l-esekuzzjoni tal-kuntratt, l-ammont indikat fl-*acceptance of tender* tat-23 ta' Dicembru 1989, mhux aktar dovut minhabba l-kambjamenti li sehhew waqt l-ezekuzzjoni tal-istess kuntratt.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Dwar it-*three yearly suppliments* din il-Qorti tikkondividi pjenament dak li rriteniet l-ewwel Qorti u cioe` li dawn ma kienux jifformaw parti mill-kuntratt ghas-semplici raguni li

l-*"acceptance of tender*" tat-23 ta' Dicembru 1989, ezebit bhala Dokument A ma c-citazzjoni, ma jsemmi ebda "*suppliments*" – huwa rrilevanti dak li kien gie offrut originarjament fis-sejha ghal offerti billi tali sejha tista` biss tohloq relazzjoni kuntrattwali bejn l-offerent u l-accettant meta l-offerta tigi accettata u dana dejjem fit-termini tal-istess accettazzjoni.

Is-socjeta` appellanti qed tilmenta wkoll li kien hemm inadempjenza kuntrattwali da parti tas-socjeta` attrici billi l-istess socjeta` konvenuta ma nghatatx il-fakolta` li tirreklama fit-*Telex Directory* kif kien imwieghed fl-*acceptance of tender* u ma kienx hemm tant pagni jew spazju bizzejjed kif previst fil-kuntratt.

Din il-Qorti tapprezza dak li qed jigi sottomess mis-socjeta` appellanti. Biss fir-rigward tat-*Telex Directory* jirrizulta li dan ma kienx ghad-disposizzjoni tal-kuntrattur fi stadju avvanzat tal-kuntratt u b'dana kollu ma sar ebda lment filwaqt li l-istess kuntrattur baqa' ghaddej bl-ezekuzzjoni tal-kuntratt. Dan juri li, kif irriteniet l-ewwel Qorti, kien hemm akkwiexxenza da parti tas-socjeta` appellanti. Fi kwalunkwe kaz din illum hija kwistjoni akkademika billi l-ewwel Qorti, wara li accettat li kien hemm nuqqas da parti tas-socjeta` appellata, pprovdiet billi naqset is-somma ta' LM20,000 mill-ammont reklamat biex jaghmel tajjeb ghat-telf li s-socjeta` konvenuta setghet garrbet b'dan il-fatt. Minn din il-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti ma sar ebda appell dwar il-*quantum* u ghalhekk jidher li s-socjeta` konvenuta hija sodisfatta.

Illi dwar l-ilment tas-socjeta` appellanti li, fi kwalunkwe kaz, l-ammont dovut ma kellux jkun dak indikat fic-citazzjoni jew fl-*acceptance of tender* u cioe l-ammont ta' Lm188,500 (mhux eskluz l-ammont moghti bhala garanzija u li ttiehed mis-socjeta` attrici) din il-Qorti tosserva li, *prima facie*, jidher li dan l-argument huwa gustifikat. Dan qed jinghad billi l-ammont ta' Lm188,500 jinkludi is-somma ta' Lm97,500 li tirraprezenta l-prezz ta' "*1300 x 5cms on 2 columns at bottom of page of Subscribers List at LM75 per page*." Isegwi li jekk l-ammont ta' pagni offrut biex fuqhom isir ir-reklamar

naqas, daqstant ghandu jonqos l-prezz indkat fl-"*acceptance of tender*." Dan l-argument pero` jidher li ma jistax jigi accettat billi jirrizulta li l-*Acceptance of tender*" jitkellem kemm dwar in-*New Telephone Directory* kemm dwar it-*Telex Directory* – liema zewg direttorji flimkien, kienu joffru 1300 pagna ta' reklamar. Ghalhekk meta l-ewwel Qorti rriduciet l-ammont dovut minhabba li t-*Telex Directory* ma kienx ghadu ghad-disposizzjoni tas-socjeta` konvenuta, hija kienet effettivament qed tiehu in konsiderazzjoni t-tnaqqis ta' pagni kontemplati ghar-reklamar minn 1300 ghall-ammont anqas bi prezz rizultanti ghas-somma ta' Lm77,500 minflok Lm97,500.

Dwar l-ilment konness mal-kontro-talba tas-socjeta` appellanti din il-Qorti ma ghandha xejn x'izzid ma dak li inghad hawn fuq. Dan ghaliex gialadarba s-socjeta` konvenuta, minkejja n-nuqqasijiet kollha li, fl-istadju ta' dawn il-proceduri, gew indirizzati lejn is-socjeta` attrici, baqghet tezegwixxi l-kuntratt, l-istess socjeta` konvenuta issa ma tistax tippretendi li hija intitolata ghal xi danni meta hija kellha rimedji ohra moghtija lilha bil-ligi u li ma adottatx.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` konvenuta qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata fl-interezza taghha. L-ispejjez ta' dan l-appell ghandhom jigu sopportati kollha mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------